MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 559/2013

**Brittania Shipping International (C36039)**

**vs**

**Alexander Koukias**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Brittania Shipping International, fejn din wara li ppremettiet illi:

Permezz ta’ skrittura datata sitta (6) ta’ Mejju elfejn u tlettax (2013) [Dok. A], l-intimat kien ikkostitwixxa debitur cert, likwidu u dovut fl-ammont ta’ sitta u sittin elf u mitejn u hamsin Ewro (€66,250) rapprezentanti drittijiet ta’ Agenzija prestati mis-socjeta’ rikorrenti lill-bastiment MP Agostino Padre (Dok. A);

L-ammont ta' tletin elf Ewro (€30,000) kellu jithallas sa mhux aktar tard mill-ghoxrin (20) ta' Mejju elfejn u tlettax (2013);

Nonostante interpellat, l-intimat baqa' inadempjenti;

Ghalhekk, l-ammont dovut mill-intimat huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimat ma ghandu ebda eccezzjoni x'jissolleva kontra l-pagament tal-istess;

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza;

Talab l-intimat jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000); u dana bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' Artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar u tal-ittra ufficjali datata 28-06-12 (Dok. A) u bl-imghax legali dekorribbli mill-ewwel (1) ta' Jannar elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimat minn issa ingunt in subizzjoni.

Semghet lid-difensur.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess, li permezz tieghu, il-Qorti ddegretat li ma jirrizultax li l-intimat jista' jkollu eccezzjonijiet xi jressaq.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000); bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------